# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 493**

**It-Tlieta 22 ta' Mejju, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

John J Pace – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

**493.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

493.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur John J Pace fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur John J Pace jkun skużat.

493.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

493.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

**493.2 Ħatra ta' Kumitat t'Evalwazzjoni tal-offerti għall-provvista ta' *projectors* għal *projection mapping* (ZLC 3/2018);**

493.2.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-provvista ta' *projectors* għal *projection mapping*. Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Joseph Buttigieg, mis-Sur Brian Spiteri u mis-Sur Roderick Vella.

**493.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

492.8.2 Il-laqgħa spiċċat fis-6.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-495 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku